

## DIRETTIVI

## DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2007/8/KE

ta' l-20 ta' Frar 2007

li temenda Annessi tad-Direttivi tal-Kunsill 76/895/KEE, 86/362/KEE u 90/642/KEE fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għal *phosphamidon* u *mevinphos*

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

jista' jistenna li jsib fl-oġġetti meta jkunu ġew rispettati prattiki agrikoli tajbin.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 76/895/KEE tat-23 ta' Novembru 1976 li tirrigwarda l-iffissar ta' livelli massimi għal residwi ta' pestiċidi fi u fuq frott u ħaxix<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 86/362/KEE ta' l-24 ta' Lulju 1986 dwar l-iffissar tal-livelli massimi tal-fdalijiet tal-pestiċidi ġewwa u fuq iċ-ċereali<sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE tas-27 ta' Novembru 1990 dwar l-iffissar ta' livelli massimi għal residwi tal-pestiċidi fi u fuq ċerti prodotti oriġinarji mill-pjanti, inkluż il-frott u l-ħaxix<sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tagħha,

Billi:

(1) Fil-każ ta' ċereali u prodotti li joriġinaw mill-pjanti inkluż frott u ħxejjex, livelli ta' residwi jirriflettu l-użu ta' kwantitajiet minimi ta' pestiċidi meħtieġa sabiex jinkiseb ħarsien effettiv ta' pjanti, applikati b'tali mod li l-ammont ta' residwi jkun baxx kemm jista' jkun skond kif inhu aċċettabbli b'mod prattiku u tossikoloġiku, b'qies, b'mod partikolari, tal-ħarsien ta' l-ambjent u l-istima tal-konsum djetetiku tal-konsumaturi. Fil-każ ta' l-oġġetti ta' l-ikel li joriġinaw mill-annimali, il-livelli tar-residwi jirriflettu l-konsum mill-annimali ta' ċereali u prodotti li joriġinaw mill-pjanti li jiġu ttrattati bil-pestiċidi, u, fejn ikun rilevanti, il-konsegwenzi diretti mill-użu tal-mediċini veterinarji. Il-livelli massimi ta' residwi Komunitarji (MRLs) jirrappreżentaw l-ogħla limitu ta' l-ammont ta' tali residwi li wieħed

(2) L-MRLs għall-pestiċidi jinżammu taħt reviżjoni u jinbidlu sabiex titqies l-informazzjoni u d-*data* ġdida. L-MRLs huma ffissati fil-limitu l-iktar baxx tad-determinazzjoni analitika fejn użi awtorizzati ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ma jirriżultawx flivelli osservabbli ta' residwi ta' pestiċidi fi jew fuq il-prodott ta' l-ikel, jew, fejn ma hemmx użi awtorizzati, jew fejn użi li ġew awtorizzati minn Stati Membri ma ġewx sostnuti bid-*data* neċessarja, jew fejn użi fpajjiżi terzi jirriżultaw f'residwi fi jew fuq prodotti ta' l-ikel li jistgħu jiġu ċċirkolati fis-suq tal-Komunità ma ġewx sostnuti bid-*data* neċessarja.

(3) Il-Kummissjoni għet infurmata li għal *phosphamidon* and *mevinphos*, jista' jkun hemm bżonn li l-MRLs attwali jiġu riveduti fid-dawl tad-disponibilità ta' informazzjoni ġdida dwar it-tossikoloġija u tal-konsum mill-konsumatur. Il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri relatari rilevanti sabiex jagħmlu proposti għar-reviżjoni ta' l-MRLs Komunitarji. Proposti bħal dawn tressqu lill-Kummissjoni.

(4) L-esponiment tal-konsumaturi matul ħajjithom kif ukoll għal perjodu qasir għall-pestiċidi msemmija f'din id-Direttiva, permezz tal-prodotti ta' l-ikel, ġew studjati mill-ġdid u vvalutati skond il-proċeduri u l-prattiki Komunitarji, filwaqt li tqiesu l-linji gwida ppubblikati mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa<sup>(4)</sup>. Fuq dik il-bażi, huwa xieraq li jiġu ffissati MRLs ġodda, sabiex jiġi aċċertat li ma jkun hemm ebda esponiment inaċċettabbli tal-konsumatur.

(5) Fejn huwa rilevanti, l-esponiment qawwi tal-konsumaturi għal dawg il-pestiċidi permezz ta' kull wieħed mill-prodotti ta' l-ikel li jista' jkun fihom residwi, ġie studjat u vvalutat

(1) ĠU L 340, 9.12.1976, p. 26. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/92/KE (ĠU L 311, 10.1.2006, p. 31).

(2) ĠU L 221, 7.8.1986, p. 37. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/92/KE.

(3) ĠU L 350, 14.12.1990, p. 71. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/92/KE.

(4) Linji Gwida għat-tbassir tal-konsum djetetiku ta' residwi tal-pestiċidi (riveduti), mħejjija mill-GEMS/Programm ta' Ikel f'kollaborazzjoni mal-Kumitat Codex fuq ir-Residwi tal-Pestiċidi, ippubblikati mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa fl-1997 (WHO/FSF/FOS/97.7).

skond il-proċeduri u l-prattiki Komunitarji, filwaqt li tqiesu l-linji ta' gwida ppubblikati mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. Il-konklużjoni hi li l-preżenza ta' residwi ta' pestiċidi fi jew taħt l-MRLs il-ġodda mhijiex se tikkawża effetti tossiċi qawwija.

- (6) Permezz ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, is-sħab kummerċjali tal-Komunità ġew ikkonsultati dwar l-MRLs ġodda u tqiesu l-kummenti tagħhom dwar dawn il-livelli.
- (7) L-Annessi tad-Direttivi 76/895/KEE, 86/362/KEE u 90/642/KEE għandhom għalhekk jiġu emendati skond dan.
- (8) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma f'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

#### Artikolu 1

Fl-Anness II tad-Direttiva 76/895/KEE l-entrati li għandhom x'jaqsmu mal-*phosphamidon* u l-*mevinphos* qegħdin jitħassru.

#### Artikolu 2

Id-Direttiva 86/362/KEE hija emendata skond l-Anness I ta' din id-Direttiva.

#### Artikolu 3

Id-Direttiva 90/642/KEE hija emendata skond l-Anness II ta' din id-Direttiva.

#### Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jipubblikaw, sa mhux iktar tard mill-1 ta' Settembru 2007, il-liġijiet, ir-regolamenti, u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mit-2 ta' Settembru 2007 .

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir referenza bħal din.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenija tal-liġijiet nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

#### Artikolu 5

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-publikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

#### Artikolu 6

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, 20 ta' Frar 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Markos KYPRIANOU

*Membre tal-Kummissjoni*

## ANNEX I

Fil-Parti A ta' l-Anness II tad-Direttiva 86/362/KEE qegħdin jiżdedu l-linji li ġejjin għal phosphamidon u mevinphos:

Residwi tal-Pestiċida	Livelli massimi fmg/kg
"Phosphamidon	0,01 (*) Ċereali
Mevinphos, (total ta' iżomeri E- u Z-)	0,01 (*) Ċereali

(\*) Tindika l-anqas limitu tad-determinazzjoni analitika"

## ANNEX II

Fil-Parti A ta' l-Anness II tad-Direttiva 90/642/KEE qegħdin jizziedu l-kolonna li ġejjin għal phosphamidon u mevinphos:

Ir-residwu tal-pestiċidi u l-livell ta' residwu massimu (mg/kg)		
Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs	Phosphamidon	Mevinphos, (total ta' iżomeri E- u Z-)
<b>"1. Frott, frisk, immixxef jew nej, ippriser-vat fil-friża, mingħajr zokkor miżjud; ġewż</b>	0,01 (*)	0,01 (*)
(i) FROTT TAĊ-ĊITRU		
Grepjfrut		
Lumi		
Lajm		
Mandolin (inklużi l-klementini u ibridi oħra)		
Larinġ		
Pomelos		
Oħrajn		
(ii) ĠEWŻ TAS-SIĠAR (bil-qoxra jew mingħajrha)		
Lewż		
Ġewż tal-Brażil		
Ġewż ta' l-anakardju		
Qastan		
Ġewż ta' l-Indi		
Ġellewż		
Makadamja		
Ġewż tal-Pekan		
Ġewż ta' l-arżnu		
Pistaċċi		
Ġewż		
Oħrajn		
(iii) FROTT TAŻ-ŻERRIEGĦA		
Tuffieħ		
Lanġas		
Sfarġel		
Oħrajn		
(iv) FROTT TA' L-GĦADMA		
Berquq		
Ċiras		
Ħawħ (inklużi n-nuċiprisk u ibridi simili)		
Għanbaqar		
Oħrajn		
(v) FROTT ŻGĦIR		
(a) Għeneb tal-mejda u ta' l-inbid		
Għeneb tal-mejda		
Għeneb ta' l-inbid		

Ir-residwu tal-pestiċidi u l-livell ta' residwu massimu (mg/kg)		
Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs	Phosphamidon	Mevinphos, (total ta' iżomeri E- u Z-)
(b) Frawli (ħlief dak selvaġġ)		
(c) Frott tal-qasab (ħlief dak selvaġġ)		
Tut		
<i>Dewberries</i>		
<i>Loganberries</i>		
Lampun		
Oħrajn		
(d) Frott żgħir ieħor (ħlief dak selvaġġ)		
<i>Bilberries</i>		
<i>Cranberries</i>		
Passolina (aħmar, iswed u abjad)		
<i>Gooseberries</i>		
Oħrajn		
(e) Frott u <i>berries</i> selvaġġi		
(vi) DIVERSI		
Avokado		
Banana		
Tamal		
Tin		
Kiwi		
<i>Kumquats</i>		
<i>Litchis</i>		
Mango		
Żebbuġ (konsum domestiku)		
Żebbuġ (estrazzjoni taż-żejt)		
Papaja		
<i>Passion fruit</i>		
Ananas		
Rummien		
Oħrajn		
<b>2. Ħxejjex, friski jew mhux imsajrin, iffriżati jew imnixxin</b>	0,01 (*)	0,01 (*)
(i) ĦXEJJEX FSURA TA' TUBERI JEW GĦERUQ		
Pitrava zokkrija		
Karrotti		
<i>Cassava</i>		
Krafes		
Mustarda użata għaz-zalza		
Qaqoċċ		
Zunnarija bajda		
Parsley root		
Ravanell		

Ir-residwu tal-pestiċidi u l-livell ta' residwu massimu (mg/kg)		
Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs	Phosphamidon	Mevinphos, (total ta' iżomeri E- u Z-)
Sassefrika		
Patata ħelwa		
Swedes		
Pjanta tal-ġenus Brassica		
Jam		
Oħrajn		
(ii) ĦXEJJEX FSURA TA' BASAL		
Tewm		
Basal		
Shallots		
Spring onions		
Oħrajn		
(iii) ĦXEJJEX LI HUMA L-FROTTA TAL-PJANTA		
(a) Solanacea		
Tadam		
Bżar		
Brunġiel		
Okra		
Oħrajn		
(b) Kukurbiti – tal-qoxra li tittiekel		
Ħjar		
Gherkins		
Qarabali		
Oħrajn		
(c) Kukurbiti tal-qoxra li ma tittikilx		
Bettieħ		
Squashes		
Dulliegħ		
Oħrajn		
(d) Qamħirrum		
(iv) ĦXEJJEX BRASSICA		
(a) Brassica li tagħmel il-fjuri		
Brokkli (inkluża l-Calabrese)		
Pastard		
Oħrajn		
(b) Brassica bir-ras		
Kaboċċi ta' Brussel		
Kaboċċi tar-ras		
Oħrajn		
(c) Brassica bil-weraq		
Kaboċċi taċ-Ċina		
Kale		
Oħrajn		

Ir-residwu tal-pestiċidi u l-livell ta' residwu massimu (mg/kg)		
Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs	Phosphamidon	Mevinphos, (total ta' iżomeri E- u Z-)
(d) Ġdur		
(v) HXEJJEK LI JITTIEKLU L-WERAQ TAGĦHOM U ĦAXIX AROMATIKU FRISK		
(a) Ħass u simili		
Krexxuni		
Ħass tal-ħaruf		
Ħass		
Scarole ( <i>endive</i> tal-werqa wiesgħa)		
Insalata		
Weraq u zkuk tal- <i>brassica</i>		
Oħrajn		
(b) Spinaċi u simili		
Spinaċi		
Weraq tal-pitravi		
Oħrajn		
(c) Krexxuni ta' l-ilma		
(d) <i>Witloof</i>		
(e) Ħwawar		
Maxxita		
Kurrat salvaġġ		
Tursin		
Weraq tal-karfus		
Oħrajn		
(vi) HXEJJEK LEGUMI (friski)		
Fażola (bl-imżiewed)		
Fażola (mingħajr imżiewed)		
Piżelli (bl-imżiewed)		
Piżelli (mingħajr imżiewed)		
Oħrajn		
(vii) HXEJJEK FORMA TA' ZOKK (friski)		
Asparagu		
Kardun		
Karfus		
Bużbież		
Qaqoċċ		
Kurrat		
Rabarbru		
Oħrajn		
(viii) FAQQIEGĦ		
(a) Faqqiegħ ikkoltivat		
(b) Faqqiegħ salvaġġ		
<b>3. Żrieragħ immixxin</b>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
Fażola		
Għazz		

Ir-residwu tal-pestiċidi u l-livell ta' residwu massimu (mg/kg)		
Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs	Phosphamidon	Mevinphos, (total ta' iżomeri E- u Z-)
Piżelli		
Lupini		
Oħrajn		
<b>4. Żjut ta' żrieragħ</b>	0,01 (*)	0,01 (*)
Żerriegħa tal-kittien		
Karawett		
Żerriegħa tal-peprin		
Ġulġlien		
Żerriegħa tal-ġirasol		
Żerriegħa tal-lift		
Żerriegħa tas-sojja		
Żerriegħa tal-mustarda		
Żerriegħa tal-qoton		
Żerriegħa tal-qanneb		
Oħrajn		
<b>5. Patata</b>	0,01 (*)	0,01 (*)
Patata bikrija		
Varjazzjonijiet ta' patata		
<b>6. Te (weraq immixxef u zkuk, iffermentati jew mod ieħor, <i>Camellia sinensis</i>)</b>	0,02 (*)	0,02 (*)
<b>7. Hops (immixxef), inklużi hħub tal-ħops u ħops fil-forma trab mhux ikkonċentrat</b>	0,02 (*)	0,02 (*)

(\*) Tindika l-anqas limitu tad-determinazzjoni analitika.»